# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 192/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta p.l.c.**
**(C 3177)**

**Vs**

**Kenneth Gauci**
**(ID 242571M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 7 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

   1. *Illi l-konvenut Kenneth Gauci kien ilu impjegat mal-Bank attur mis-sena 1989 u matul is-snin kien ikopri diversi rwoli fis-settur tal-Wealth and Personal Banking, liema rwoli huwa eżegwixxa minn fergħat differenti tal-Bank;*

   2. *Illi fis-sena 2021, waqt li l-konvenut Kenneth Gauci kien għadu hekk impjegat, il-Bank irċieva ilmenti minn klijenti tal-Bank attur li kienu moqdija mill-konvenut, dwar nuqqasijiet relatati mal-kontijiet tagħhom.*

   3. *In segwitu għal dawn l-ilmenti il-Bank għamel investigazzjoni preliminari u kellem klijenti oħra, minn fejn irriżulta li l-konvenut, f'diversi okkażjonijiet, kien qiegħed jimmisapproprija flus appartenenti jew spettanti lill-klijenti tal-Bank għall-gwadann personali tiegħu;*

4. *Illi rinfaċċjat bis-sejbiet li l-Bank għamel in segwitu għall-investigazzjoni tiegħu, il-konvenut Gauci ammetta mal-Bank attur illi huwa kien bagħbas il-kontijiet u effettwa numru ta' withdrawals mhux awtorizzati minn kontijiet ta' għadd ta' klijenti tal-Bank attur, ghall-iskop li, fost affarijiet oħra, jarreda proprjeta` tiegħu li huwa għandu ġewwa s-Siġġiewi. Huwa ssottometta lill-Bank elenku ta' klijenti li kienu ġew effettwati minn dan l-aġir frawdolenti tiegħu;*

5. *Illi wara dawn l-iżviluppi l-Bank għamel investigazzjoni oħra aktar approfondita u minn hemm ħareġ ċar illi l-lista ta' klijenti milquta minn dawn l-abbużi kienet ferm itwal minn dik ammessa mill-konvenut, u kienet tinvolvi diversi mijiet ta' eluf ta' Ewro misapproprjati mill-konvenut;*

6. *Illi l-Bank kellu jagħmel tajjeb għad-danni kkaġunati mill-konvenut billi irrifonda, irripristina u ikkumpensa lil dawk il-klijenti vittmi tal-frodi u misapproprjazzjoni perpetwati mill-konvenut. Il-Bank infatti kellu jħallashom mhux biss l-ammont misapproprjat, iżda kellu jagħmel tajjeb ukoll għall-imgħax dovut u kwalunkwe spejjeż legali inkorsi mill-klijenti, oltre kumpens minħabba d-danni sofferti minnhom;*

7. *Illi l-Bank sallum ma jistax jiddetermina b'mod preċiż id-danni li għad isofri minħabba l-aġir tal-konvenut stante li jista' jkun li hemm klijenti oħra li ġew milquta u li sallum għadhom mhux magħrufa lill-Bank attur minħabba li għadhom għaddejjin investigazzjonijiet aktar dettaljati;*

8. *Illi fil-frattemp il-Bank ħa passi dixxiplinarji kontra l-konvenut Gauci u l-impjieg tiegħu mal-Bank attur ġie terminat;*

9. *Illi nonostante li l-konvenut ammetta l-aġir frawdolenti tiegħu, u nonostante li ġie interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni sofferti mill-Bank, u li għad jista' jsofri, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata 3 ta' Frar 2022 (Ittra Numru 478/2022), huwa baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi l-konvenut Kenneth Gauci huwa responsabbli għad-danni u t-telf li sofra l-Bank u li għad jista' jsofri kawża tal-aġir mill-istess konvenut;*

*(ii) Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

*(iii) Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 204/22, tal-mandat ta' sekwestru numru 205/22, u tal-ittra uffiċjali datata 3 ta' Frar, 2022 (Ittra Numru 478/2022) kif ukoll l-imgħax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Awissu 2022 saret in-notifika bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 10A) kif ukoll permezz ta' affissjoni fil-Kunsill Lokali, l-Għassa tas-Siġġiewi u l-indirizz ta' l-intimat ġewwa 13, Triq San Nikola, Siġġiewi (fol 16).

3. Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-gazzettta in-Nazzjon (fol 19) u The Malta Independent (fol 20), lkoll fis-26 ta' Awissu 2022.

4. Rat illi fis-27 ta' Settembru 2022, meta ssejjħet il-kawża, l-intimat, imsejjaħ diversi drabi, ma deherx, u għalhekk kien dikjarat kontumaċi.

5. Rat l-affidavit ta' **David Perotti**, Head of Employee and Industrial Relations and HR Advisory fi ħdan il-bank rikorrenti ppreżentat fit-28 ta' Novembru 2022 (fol 23).

6. Rat l-affidavit ta' **Timothy Zammit**, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2023 (fol 43), li ġew issiġillati u miżmuma fis-sigrieta tal-Qorti.

7. Rat l-affidavit ta' **Mark Drago**, ippreżentat fid-9 ta' Mejju 2023 (fol 44), li ġew issiġillati u miżmuma fis-sigrieta tal-Qorti.

8. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2023, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat serje ta' dokumentazzjoni u għarrfet il-Qorti illi għajr għal prospett tad-danni, ma għandha ebda provi oħra xi tressaq.

9. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub tal-kontumaċi.

10. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2023, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat prospett tad-danni minnha inkorsi u li hija qiegħda titlob mingħand l-intimat Kenneth Gauci.

11. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2023, il-konvenut, imsejjaħ diversi drabi ma deherx u ma ppreżenta ebda sottomissjonijiet finali.

12. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2023, is-soċjeta' rikorrenti ippreżentat is-sottomissjonijiet finali tagħha.

13. Rat illi fis-26 ta' Settembru 2023, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

14. Jirriżulta illi l-intimat kien impjegat tas-soċjeta' rikorrenti u kien jassisti varji klijenti tal-bank rikorrenti.

15. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti bdiet tirċievi varji ilmenti mingħand klijenti tagħha illi fondi bankarji tagħhom kienu qed jonqsulhom u mill-investigazzjoni illi għamlu l-Bank rikorrenti irriżultalhom li saret misapproprjazzjoni ta' ħafna flejjes mingħand l-intimat Kenneth Gauci, illi tagħhom huwa ammetta magħhom stess.

16. Jirriżulta illi sussegwentement l-intimat tkeċċa mill-post tax-xogħol tiegħu wara li ttieħdu passi dixxiplinari.

17. Jirriżulta, mill-prospett ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti, illi d-danni inkorsi mis-soċjeta' rikorrenti riżultat tal-aġir frawdolenti tar-rikorrenti kienu s-segwenti:

    a. €1,337,897.93 fi flejjes varji miġbuda mill-kontijiet ta' varji klijenti a benefiċċju ta' l-intimat Kenneth Gauci mingħajr il-kunsens tagħhom u li l-Bank rikorrenti rrifonda lill-istess klijenti;

    b. €228,800 li jirrappreżentaw somma meħuda mis-soċjeta' Welcome Garage Dalli Limited a benefiċċju ta' l-intimat Kenneth Gauci mingħajr il-kunsens tagħha u li l-Bank tinsab fil-proċess li tirrifondi ladarba s-soċjeta' Welcome Garage Dalli Limited terġa' tiġi riavvivata wara illi ġiet stralċjata mill-awtoritajiet kompetenti;

    c. €69,246.82 f'imgħaxijiet imħallsa lill-klijenti kollha li kien lilhom dovut kieku l-flejjes ma ġewx meħuda illegalment mill-intimat Kenneth Gauci;

    d. €29,999 fi flejjes oħra miġbuda mingħand wieħed u erbgħin klijent (41) u li kellhom jiġu rifużi mill-Bank rikorrenti;

    e. €16,451.12 fi spejjeż varji ta' awdituri u avukati inkorsi mill-varji klijenti tas-soċjeta' rikorrenti u li lilhom ġew rifużi tali spejjeż.

18. Jirriżulta illi t-total ta' danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti riżultat tal-azzjoni ta' l-intimat Kenneth Gauci kien jammonta għal miljun, sitt mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u erbgħa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1,682,394.87).

19. Jirriżulta wkoll illi l-Bank rikorrenti ddikjara illi kien qiegħed jirriserva jitlob danni addizzjonali fil-futur, f'każ illi jsofru danni addizzjonali riżultat ta' stħarriġ ulterjuri u/jew azzjonijet li jistgħu jittieħdu kontra tagħhom riżultat tal-aġir illegali ta' l-intimat Kenneth Gauci.

20. Jirriżulta illi l-ammonti fuq imsemmija ġew ilkoll ikkonfermati bil-ġurament minn Timothy Zammit u Mark Drago.

21. Jirriżulta illi l-intimat Kenneth Gauci, għalkemm debitament notifikat, qatt ma deher la biex jikkontesta w/jew jikkonferma l-fatti.

22. Jirriżulta, għalhekk, illi dina l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita mill-konteġġi magħmula u ppreżentati mill-Bank rikorrenti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi :

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement

**Tiddikjara** illi l-konvenut Kenneth Gauci huwa responsabbli għad-danni u t-telf li sofra l-Bank u li għad jista’ jsofri kawza tal-aġir mill-istess konvenut;

**Tillikwida** d-danni hekk sofferti fl-ammont ta’ miljun, sitt mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u erbgħa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1,682,394.87);

**Tikkundanna** lill-konvenut sabiex iħallas lis-socjeta` attriċi dik is-somma ta’ miljun, sitt mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u erbgħa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€1,682,394.87), kif fuq aħjar deskritt.

Il-Qorti tirriserva lill-Bank rikorrenti d-dritt illi tmexxi għall-danni oħra ulterjuri, jekk jirriżultalhom danni oħra mhux elenkati fil-proċeduri odjerni.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 204/22, tal-mandat ta’ sekwestru numru 205/22, u tal-ittra uffiċjali datata 3 ta’ Frar, 2022 (Ittra Numru 478/2022) kontra l-konvenut.

Bl-imgħax legali kontra l-konvenut mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**